MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 4/2005

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Dr. Noel Arrigo LL.D

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 4 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Dr. Noel Arrigo, LL.D, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi u, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lill-Qorti**

**ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali.**

**Xi zmien wara, t-tifel ta' Mario Camilleri, Pierre Camilleri, avvicina lil certu Joseph Zammit, maghruf bhala "is-sei", u staqsih x'seta' jaghmel biex dan jghin lill-missieru li kien wasal ghas-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din il-Qorti kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat il-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallfin Patrick Vella u Joseph Filletti.**

**Ftit ijiem wara, Joseph Zammit kellem lil certu Anthony Grech Sant, habib antik tal-Prim Imhallef Noel Arrigo, w talbu sabiex ikellem lill-imsemmi Prim Imhallef u jaghmillu l-proposta li jghin lil Mario Camilleri ghal kumpens ta' somma ta' ghaxart-elef lira. Anthony Grech Sant avvicina lill-Prim Imhallef Arrigo w offrielu din l-istess somma sabiex jghin lill-imsemmi Mario Camilleri fis-sentenza li jaghtih u dan ghall-kumpens imsemmi w b'hekk ma jiddecidix l-istess sentenza skond il-ligi w skond il-kuxjenza kif kien fid-dmir li jaghmel. Il-Prim Imhallef Noel Arrigo accetta l-offerta w wieghed lil Anthony Grech Sant li kien ser jara kif jista' jghinu.**

**Illi fil-frattemp Joseph Zammit iddecieda li jmur ikellem lill-Prim Imhallef personalment u jaghmillu l-istess proposta. Ghal darb'ohra l-Prim Imhallef accetta li jghin lil Mario Camilleri. Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu. Il-Prim Imhallef qabel li s-somma msemmija kellha tinghata lilu wara s-sentenza.**

**L-Imhallef Patrick Vella kien gie wkoll avvicinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Imhallef accetta l-offerta w, ta' dan l-ghemil, gie wkoll sussegwentement akkuzat. L-Imhallef Joseph Filletti qatt ma gie avvicinat.**

**Fil-5 ta' Lulju, 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, komposta mill-akkuzat il-Prim Imhallef Noel Arrigo w l-Imhallfin Patrick Vella w Joseph Filletti, taw is-sentenza fil-konfront ta' Mario Camilleri w ssostitwew il-piena ta' sittax-il sena prigunerija b'wahda ta' tnax-il sena prigunerija w dan l-akkuzat ghamlu in ezekuzzjoni ta' l-accettazzjoni da parti tieghu ta' l-offerta li kienet saritlu kif fuq deskritt sabiex jghin lill-imsemmi Mario Camilleri fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.**

**Dakinhar stess tas-sentenza Joseph Zammit mar jistenna lill-Prim Imhallef Noel Arrigo hdejn l-ufficju tieghu gewwa Strada Forni fil-Belt, Valletta biex jikkompensah talli fil-fatt ghen lil Camilleri kif kien wieghed li jaghmel. Meta wasal il-Prim Imhallef, dan ha l-envelope bil-flus u telaq.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Noel Arrigo sar hati talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Noel Arrigo talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-**

**hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fil-paragrafi (b) u (c) ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi zmien qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi u, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-appell Kriminali kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat il-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallfin Patrick Vella w Joseph Filletti.**

**Id-decizjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kollegjalment komposta, kif kienet il-Qorti li ddecidiet l-appell ta' Mario Camilleri, kellha tkun skond il-fehma tal-maggoranza tal-membri taghha biex b'hekk decizjoni ta' kull wiehed mill-Imhallfin wahdu ma setghetx tkun sufficjenti minghajr il-kunsens ta' almenu wiehed mill-Imhallfin l-ohra. Fil-fatt l-Imhallef Patrick Vella kien gie wkoll avvicinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Imhallef accetta l-offerta w, ta' dan l-ghemil, gie ukoll sussegwentement akkuzat. L-Imhallef Joseph Filletti qatt ma gie avvicinat.**

**Ftit gimghat wara, Anthony Grech Sant avvicina lill-Prim Imhallef Arrigo w talbu biex jghin lil Mario Camilleri w ghal dan l-iskop offrielu kumpens ta' somma ta' ghaxart-elef lira. L-akkuzat, il-Prim Imhallef Noel Arrigo wieghed lil Anthony Grech Sant li kien ser jara kif jista' jghin lil Mario Camilleri. L-**

**akkuzat accetta l-offerta w l-weghda ta' vantagg mhux xieraq ta' Anthony Grech Sant bil-ghan li jezercita nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ta' l-inqas wiehed mill-Imhallfin l-ohra li mieghu kienu jikkomponu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' Mario Camilleri. Dan ghaliex, kif inghad izjed 'l fuq, d-decizjoni tieghu wahdu kellha necessarjament tigi supplementata bid-decizjoni ta' almenu wiehed mill-Imhallfin l-ohra, kif fil-fatt gara.**

**Ftit zmien wara Joseph Zammit avvicina lil Prim Imhallef Noel Arrigo w ghamillu l-istess proposta w, ghal darb'ohra, il-Prim Imhallelf accetta li jghinu. L-akkuzat rega' accetta din l-offerta bil-ghan li jezercita nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ta' l-inqas wiehed mill-Imhallfin l-ohra li mieghu kienu jikkomponu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' Mario Camilleri. Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Noel Arrigo sar hati talli, rceva w accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Noel Arrigo talli, rceva w accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tmintax-il xahar skond dak li hemm u jintqal fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 121A u 141 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi ftit snin qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi w, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat il-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallfin Patrick Vella w Joseph Filletti.**

**Xi zmien wara, Anthony Grech Sant avvicina lill-Prim Imhallef Arrigo w talbu biex jghin lil Mario Camilleri ghal kumpens ta' somma ta' ghaxart-elef lira. L-akkuzat, il-Prim Imhallef Noel Arrigo wieghed lil Anthony Grech Sant li kien ser jara kif jista' jghinu. Ftit zmien wara Joseph Zammit avvicina lil Prim Imhallef Noel Arrigo w ghamillu l-istess proposta w, ghal darb'ohra, il-Prim Imhallef accetta li jghinu. Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu.**

**L-akkuzat Dr. Noel Arrigo, bhala Prim Imhallef, kellu dover skond is-Kostituzzjoni ta' Malta li ma jikkomunikax, direttament jew indirettament, ma' hadd dwar kawza li kienet ghadha ma nqatghatx, barra minn fil-Qorti bil-miftuh.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Patrick Vella (Sic!) sar hati talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Noel Arrigo talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni limitatament ghall-fini tal-eccezzjonijiet preliminari;**

**Rat in-Nota tal-akkuzat tad-9 ta' Frar, 2005 li biha, a tenur tal-Artikolu 436(6) u (9) tal-Kap.9 , informa lil din il-Qorti – alkwantu prematurament stante li ghadu ma bediex jiddekorri t-terminu msemmi fl-artikolu 436 (6) b' riferenza ghall-artikolu 438 (6) (ara "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mosbah Mohsen Ben Ibrahim" **[22.2.2006] fejn din il-Qorti rriteniet li dan it-terminu ta' ghaxart ijiem jibda' jghaddi minn-notifika tal-avviz tas-smiegh tal-kawza wara li jkunu gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari, fejn dawn ikunu inghataw) - illi f' dan il-kaz huwa kien qed jaghzel li l-guri tieghu jinstema' w jigi deciz minn Imhallef u ghalhekk ma jkunx hemm il-htiega li jigu maghzula gurati f' dawn il-proceduri.**

**Rat in-Nota ta' eccezzjonijiet tal-akkkuzat tal-25 ta' Frar, 2005, li biha eccepixxa:-**

**1. Illi, essendo li din il-Qorti hija issa msejjha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-eccipjent, huwa jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t' Ottubru, 2003, fejn gie dikjarat illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali w illi gie lez id-dritt fundamentali tal-appellant (l-akkuzat) garantit mill-Artikolu 39 (5) ta' l-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 (2) ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea u ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea u din il-Qorti Kriminali ghandha tiehu konjizzjoni ta' l-istess.**
**2. Illi, fit-tieni lok, in-nullita' tat-tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza stante illi mill-fatti esposti fl-imsemmi kap ma jinkwadrax l-element kostituttiv tar-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja.**
**3. Illi fit-tielet lok l-inammissibilita' tad-Dokument HA u tat-traskrizzjonijiet maghmula konsegwenza ta' l-istess, ipprezentat mix-xhud Herbert Agius fit-23 ta' Settembru, 2002, stante illi ma jissodisfawx ir-rekwiziti ta' l-Att XVII tal-1996 u fi kwalunkwe kaz it-traskrizzjonijiet jammontaw ghal-*hearsay* u ghalhekk ukoll ma jista' jkollhom l-ebda valur probatorju ;**

**Rat l-ordni taghha tal-15 ta' Novembru, 2005, sabiex l-Avukat Generali jesebixxi kopja awtentika tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza** "Noel Arrigo and Patrick Vella vs. Malta" **(application number 6569/04) sas-seduta li kien imiss ;**

**Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Akkuzat tal-15 ta'Dicembru, 2005;**

**Rat in-Nota responsiva tal-Avukat Generali tad-19 ta' Jannar, 2006, kif ukoll in-Nota l-ohra tal-istess data li biha l-Avukat Generali esebixxa kopja tas-sentenza tal-European Court of Human Rights : "**Arrigo and Vella v. Malta" **[10.05.2005];**

**Rat l-istess sentenza, li b' verbal tat-2 ta' Frar, 2006, id-difiza qablet li din hija kopja awtentika w korretta tal-original;**

**Rat il-verbal tas-6 ta' Frar, 2006, li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li b' riferenza ghat-tielet eccezzjoni preliminjari fit-*tape* – traskrizzjoni Dok HA – ma jitkellimx l-akkuzat izda terzi.**

Rat il-verbal tat-3 t' April, 2006 li bih Dr. Giglio ghall-akkuzat iddikjara li meta l-akkuzat irrefera ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att XVII tal-1996, kien qed jirriferi b' mod partikolari w biss ghall-Artikoli 6 u 7 tal-istess Att;

**Rat ukoll il-verbal l-iehor tal-istess data li bih Dr. Giglio iddikjara li t-tielet eccezzjoni li tirrigwarda l-allegazzjoni li dawn it-*tapes* u t-traskrizzjoni taghhom m' humiex ammissibbli ghax ma jissodisfawx ir-rekwizit tal-Att XVII tal-1996 u ghax jikkostitwixxu *"hearsay"* ma tridx tigi deciza f' dan l-istadju imma fl-istadju tas-smiegh tal-kawza mill-Imhallef togat waqt li qed jevalwa l-provi fid-dawl tar-rizultanzi kollha li jkunu saru waqt il-kawza u, fil-waqt li jirrizerva li jqajjem l-istess oggezzjoni fil-kors tas-smiegh tal-kawza, jekk ikun il-kaz, hu jirtira l-eccezzjoni f' dan l-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari w dan bla pregudizzju dejjem ghall-ezitu tal-ewwel eccezzjoni;**

**Rat in-Nota ta' cessjoni tal-istess data li biha l-akkkuzat ceda t-tielet eccezzjoni tieghu fit-termini tal-verbal appena citat;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi in vista tac-cessjoni tat-tielet eccezzjoni, f' dan l-istadju, din il-Qorti trid tiddeciedi biss l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminiari.**

L-EWWEL ECCEZZJONI.

**Illi kif inhi redatta, l-ewwel eccezzjoni – jekk tista' tissejjah tali – tidher ghall-inqas "*prima facie*" li hija indikazzjoni, invit jew talba biex din il-Qorti *"tiehu konjizzjoni* " tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t' Ottubru, 2003 u ghall-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea.**

Fil-mori tal-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari di fatti il-Qorti Ewropea tat-Drittijiet tal-Bniedem tat is-sentenza taghha in materia w kopja awtentika tal-istess tinsab fl-atti.

**Illi meta din il-Qorti talbet lid-difiza biex ticcara l-import ta' din l-eccezzjoni, Dr. Abela, ghall-akkuzat issottometta li din ma kienetx biss invokazzjoni lill-Qorti imma eccezzjoni regolari bazata fuq l-artikolu 449 (f) (4) tal-Kap.9 u ghandha tiftiehem fis-sens li l-kawza m' ghandhiex titmexxa' 'l quddiem. Il-Qorti Ewropea ma ddistingwietx bejn Qorti komposta mill-gurati w wahda komposta mill-Imhallef togat wahdu.**

**Dr. Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, rribatta pero' li fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat ma kienx hemm eccezzjoni li l-kawza ma' ghandhiex titmexxa 'l quddiem u ma kienx possibbli li jigu sollevati eccezzjonijiet preliminari li ma jkunux inkluzi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet. F' kull kaz, il-Qorti ta' Stasbourg ma qalitx li l-kawza ma kellhiex titmexxa 'l quddiem u qalet li r-rimedju moghti mill-Qorti Kostituzzjonali f' Malta kien wiehed tajjeb.**

**Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-akkuzat issottometta li ma kienx il-kaz li hawn qed tinghata eccezzjoni preliminari gdida. L-Ewwel eccezzjoni hi fis-sens li din il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif illum konfermata ukoll mill-Qorti Ewropea w l-punt li qed jigi diskuss huwa proprjament kif ghandha din il-Qorti effettivament tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza. Fiz-zewg sentenzi gie dikjarat li r-rimedju li kellu jigi provdut ghal-lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kien li dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-Qorti li eventwalment tigi msejjha sabiex**

**tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-akkuzat. Mela allura fil-waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li ma kienx il-kaz illi jitwaqqfu l-proceduri kriminali inizjati, ddikjarat ukoll li dan il-gudikat, moghti filwaqt li l-proceduri kienu ghadhom fl-istadju ta' kumpilazzjoni, jingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati w applikati. Kif ser isir dan?**

**Kien proprju ghalhekk li l-akkuzat ghamel riferenza ghall-artikoli 449(1) (f) u 449 (4) tal-Kap.9 , mhux bhala eccezzjonijiet addizzjonali izda bhala metodi dwar kif din il-Qorti ssegwi d-direttiva tal-Qorti Kostituzzjonali w b' hekk tkun qed tiehu konjizzjoni tal-istess sentenza. Kwindi l-eccezzjoni preliminari tibqa' wahda w wahda biss. Id-difiza ghamlet riferenza ghall-art. 449 (1) (f) u 449 (4) bhala possibilitajiet ta' salvagwardi kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali fid-dawl tal-eccezzjonijiet li din il-Qorti, issa li giet imsejjha tiddetermina l-proceduri Kriminali w inizjati, trid tiehu konjizzjoni ta' dik is-sentenza .**

**Fit-tehid in konsiderazzjoni tal-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti tista' tikkonsidra li hawn punt ta' fatt li konsegwenza tieghu l-kawza m' ghandhiex titmexxa 'l quddiem. Dan il-punt ta' fatt huwa kjarament li din il-Qorti issa qed tigi mitluba mhux biss tissokta bil-kumpilazzjoni izda qed tigi mitluba *"tiddetermina l-proceduri Kriminali inizjati"* u dan qed tigi mitluba taghmlu fl-isfond ta' sitwazzjoni fejn dak illi huwa fost l-izjed elementi sagrosant w prezzjuz f' process penali, ossia r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat mhux biss ma giex hekk rispettat talli gie lez. Certament li din il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tas-sentenza Kostituzzjonali b' xi mod. Dan ma tistax taghmlu billi semplicement ikollha kopja tas-sentenza nserita f' dan il-process. Jihtieg li tiehu konjizzjoni tal-istess "*bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati"***

Illi mhux il-kaz ta’ kwistjoni ta’ xi eccezzjoni li ma nghatax avviz bil-miktub kif provvdut fl-artikolu 438 (2) ghax mid-dicitura tal-artikolu 449 (4) hu car li l-eccezzjoni tista’ tinghata f’ kull stadju, tabilhaqq ukoll wara l-verdett tal-guri, jew f’ dan il-kaz mill-Imhallef fl-eventwalita’ li jitkomplew il-proceduri w tinsab htija.

**Lanqas ma jista’ jinghid li dan l-Artikolu mhux applikabbli essendo li hawn mhux ser ikun hemm verdett ta’ guri in vista ta’ dak li jipprovdi l-art. 436 (9) u cioe’ li meta l-akkuzat ikun ipprezenta n-nota imsemmija fl-artikolu 436 (6) xorta japplikaw *mutatis mutandis* d-dispozizzjonijiet tat-Titolu IV u s-Subtitolu I tat-Titiolu II u t-Titolu V tal-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kap.9. Tali rimedju jkun rimedju effettiv. Dawn id-dritijiet ma jistghux jittiehdu w jergghu jinghataw u l-Kodici Kriminali jipprovdi mod iehor kif dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali *“jinghata effett”.* Tabilhaqq huwa difficli li wiehed isib punt ta’ fatt iktar b’ sahhtu li jimmerita dikjarazzjoni simili ghal dak kontemplat fl-artikolu 449 (4) tal-Kodici Kriminali minn dikjarazzjoni li gew lezi d-drittijiet fundamentali ghal smiegh xieraq u l-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat.**

**Ikkonsidrat;**

**Li da parti tieghu l-Avukat Generali ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni w jghid fin-nota responsiva tieghu li jirrizulta b’ mod ultra-manifest li bl-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni w b’ ebda kontorsjoni mentali ma wiehed jista’ jinterpreta l-ewwel eccezzjoni ta’ l-akkuzat bhala xi wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-art. 449 (1) (f) u (4). Kull ma talab l-akkuzat fl-ewwel eccezzjoni tieghu kien li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta’ sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-fatt li kien hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea , u xejn izjed.**

**Li t-tentattiv tal-akkuzat li jissottometti li din l-eccezzjoni saret fit-termini tal-paragrafu (f) tas-subinciz (1) ta’ l-artikolu 449 u tas-subinciz (4) ta’ l-istess artikolu, tant hija zbaljata li, sabiex igib il-bocca**

**qrib il-likk, qed jinjora l-fatt li dawn jikkontemplaw zewg eccezzjonijiet separati w distinti minn xulxin, liema eccezzjonijiet ghandhom jinghataw fi stadji diversi tal-proceduri. L-ewwel eccezzjoni trid tinghata entro t-terminu ta' hmistax il-jum ta' xoghol minn-notifika ta' l–Att ta' l-Akkuza kif provvdut fl-artikolu 438 (2) mentri t-tieni eccezzjoni trid tinghata wara l-verdett tal-guri kif jirrizulta b' mod lampanti mill-imsemmi subinciz (4) tal-artikolu 449. Ghalhekk is-sottomissjoni li l-eccezzjoni kontemplata f' dan is-subinciz tista' tinghata f' kull stadju hija wahda kompletament zbaljata.**

**L-Avukat Generali ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco" **tat-28 ta' Lulju, 1999, li giet konfermata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001. In vista ta' dak hemm deciz, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru fit-trattazzjoni orali tad-difensuri ta' l-akkuzat kif ukoll dawk imsemmija fin-nota tieghu tal-15 ta' Dicembru, 2005, u ghandha tillimita ruha ghall-eccezzjoni kif esposta fin-nota tieghu tal-25 ta' Frar, 2005 u cioe' li tiehu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali nserita fil-process.**

**L-Avukat Generali mbaghad issottometta li, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregiduizzju ghall-premess, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, w issa anki dik tal-Qorti ta' Strasbourg, huma cari fil-portata taghhom u jghidu minghajr mezzi termini li l-proceduri ghandhom jitkomplew.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi hu ovvju li l-ewwel punt li jrid jigi deciz fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni hu jekk fil-fatt din hix eccezzjoni w jekk hi, hix l-eccezzjoni li issa l-akkuzat qed jittanta li jakkampa fuq l-artikolu 449 (1)(f) u (4) tal-Kodici Kriminali. Hu ovvju ukoll li mkien fil-paragrafu konsistenti f' disa' versi li jikkontjeni l-ewwel *"eccezzjoni"* ma hemm l-icken riferenza ghal dawn l-**

**artikoli jew remotament ghal xi eccezzjoni li tista' tinghata tahthom u, inqas w inqas, ghall-eccezzjoni li l-proceduri kriminali m' ghandhomx jitkomplew.**

**Ghalhekk l-oggezzjoni tal-Avukat Generali li din l-eccezzjoni ghandha tigi deciza fuq kif originarjament hija impostata w formulata w li din il-Qorti ghandha tichad kull tentattiv biex din titwessa' jew tigi estiza biex tiftiehem kif issa qed jippretendi li ghandha tiftiehem l-akkuzat, tidher li zgur ma hix barra minn lokha.**

**Di fatti, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Louis sive Lewis Bartolo" **[14. 9.1981]** ***"mhux bizzejjed , ghalhekk , li wiehed fl-avviz semplicement jallega eccezzjoni jew eccezzjonijiet bla ma jispecifika l-motivi precizi li fuqhom qieghed jibbaza dik l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet, jew inkella, dak li hu aghar, bla ma l-anqas jispecifika liema eccezzjoni qieghed jaghti."*** **Gie hemm ritenut ukoll li jekk fl-avviz dwar l-eccezzjoni, l-eccezzjoni hemm proposta ma tkunx identifikabbli, allura, ma tkunx tissodisfa l-vot tal-ligi. Intqal ukoll li :-**

*"…ghandu jigi osservat illi n-nota valida tal-avviz dwar l-eccezzjonijiet preliminari, fil-forma u fiz-zmien preskritt mill-ligi, hija rekwizit bazilari stabilit mill-ligi ghall-allegazzjoni u eventwali trattazzjoni u decizjoni ta' l-eccezzjonijiet preliminari, u n-nuqqas ta' dan ir-rekwizit, li huwa l-att promotur li jaghti l-hajja lill-eccezzjoni, ma jistax jigi rettifikat jew kolmat bl-ebda att iehor jew intervent tal-Qorti."*

**Illi fis-sentenza taghha dwar eccezzjonijiet preliminari, fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Attard" **(Att ta' l-Akkuza 21/2003) [14.9.2004], li ma gietx mibdula jew varjata f' din il-parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 2005, din il-Qorti ccitat b' approvazzjoni siltiet mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano, tat-28 ta' Lulju, 1999,**

**konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001, fil-kawza** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mario Pollacco"**, fejn si trattava ukoll ta' interpretazzjoni jew estensjoni tal-portata ta' eccezzjoni preliminari.**

**Dik il-Qorti, meta ma ppermettietx li tigi estiza eccezzjoni bl-espedjent ta' nota li kienet tmur oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament, kienet qalet hekk:-**

***"L-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-artikolu 449 (1) jistabilixxi terminu perentorju li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari w eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi mill-akkuzat… Spiss qed jigri, pero', li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova – fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell – jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b' mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota prezentata entro t-terminu ta' hmistax il-jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazjoni tat-terminu perentorju msemmi, b' mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet <u>wara</u> li jkun skada t-terminu. Dan qed jinghid ghax proprju fil-kaz odjern, l-akkuzat referibbilment ghall-eccezzjoni dwar l-ammisibilita' tal-provi, l-ewwel issoleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha w wara, permezz ta' nota…sposta kompletament il-bazi ta' dik l-eccezzjoni b' mod li gie qed jissolleva eccezzjoni gdida."***

**Dan hu simili hafna ghal dak li gara f' dan il-kaz. Wara li l-akkuzat fl-ewwel paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, ghamel dak li** ***prima facie*** **tidher biss li hi invokazzjoni lil din il-Qorti biex tiehu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali w tal-proceduri, allura pendenti, quddiem il-Qorti Ewropea, issa qed jippretendi li din ghandha tiftiehem bhala**

**eccezzjoni fis-sens li l-proceduri kriminali quddiem din il-Qorti m'ghandhomx jitkomplew minnhabba punt iehor ta' fatt illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghall-mument , jew f' ebda zmien iehor 'il quddiem (art. 449 (1) (f)) u/jew kull punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita' ta' l-akkuzat jew il-kapacita' tieghu li joqghod fil-kawza, ikun tali li minhabba fih l-akkuzat m'ghandux ikun soggett ghall-piena.**

**Issa hu car li l-eccezzjoni taht l-art. 449 (1) (f) trid tinghata ukoll fit-terminu w bil-mod kif preskritt fl-art. 438 (2) u li jekk din l-eccezzjoni ser tigi ntrodotta issa bl-espedjent tat-twessiegh tas-sinifikat tal-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet, ser jigri proprju dak li qalet li ma jistax isir din il-Qorti fis-sentenza fuq citata.**

**Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li f' dan l-istadju tista' tilqa' s-sottomissjoni tal-akkuzat li l-paragrafu in kwistjoni jista' jigi interpretat fis-sens li hu eccezzjoni skond l-art. 449 (1)(f) *"to begin with"* u anki kieku kien hekk, ma jistax jigi interpretat u estiz b' dan il-mod ghax ikun qed johloq eccezzjoni ghal kollox gdida.**

Imbaghad, ghalkemm hu possibbli li wiehed igib 'il quddiem xi punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita' tal-akkuzat jew il-kapacita' tieghu li joqghod fil-kawza, jkun tali li minhabba fih l-akkuzat m' ghandux ikun suggett ghall-piena , wkoll wara l-verdett tal-guri, skond is-subinciz (4) tal-art. 449, dan is-subinciz qed jipprospetta kaz fejn il-process kriminali ikun sar u l-akkuzat addirittura jkun instab hati, ghaliex il-punt ta' fatt ma jkunx josta ghall-process kriminali w ma jkunx nehha l-imputabilita' tal-akkuzat. Konsegwentement din it-tip ta' eccezzjoni – anki kieku l-paragrafu in kwistjoni seta' jigi interpretat li jfisser hekk, li mhux il-kaz, xorta wahda qatt ma tista' tiftiehem li l-proceduri kriminali m' ghandhomx jitmexxew 'il quddiem, kif issa qed jippretendi l-akkuzat billi jestendi s-sinifikat tal-paragrafu imsemmi. Se mai jekk, wara li jigi konkluz il-process, ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija, dan il-punt ta' fatt ikun jista' jingieb

quddiem il-gudikant fl-istadju opportun, jekk ikun il-kaz, fit-trattazzjoni dwar il-piena.

L-argument tad-difiza li dawn iz-zewg sub-incizi jistghu jkunu il-metodu kif din il-Qorti, wara li tiehu konjizzjoni taz-zewg sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali w tal-Qorti Ewropea, tkun tista' taghti effett lis-salvagwardji kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali huwa stirakkjat ghall-ahhar u mhux qed jigi milqugh.

Ikkonsidrat;

Illi mbaghad il-Qorti Kostituzzjonali, wara li kkonstatat il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, illimitat ruha biex tesprimi ruha kif gej :-

*"fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandu jsir sabiex jigi provdut rimedju ghal-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-dritt fundamentali tal-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-kodici kriminali jigu skrupolozament osservati, u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tigi msejjha sabiex tiddetermina il-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti … u tordna illi a kura tar-registratur titqieghed kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-process fl-ismijiet "Il-pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D.let.", li fih saret ir-referenza kostitruzzjonali odjerna."*

Illi x' riedet tghid u ma tghidx il-Qorti Kostituzzjonali - w l-Qorti Ewropea meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - bir-rimedju minnha moghti, jista' jkun biss kongetturat minn din il-Qorti, ladarba dik il-Qorti ma tatx direttivi specifici. Seta' kien intiz biex din il-Qorti, jekk il-kaz jigi quddiemha, taghmel emfasi fuq il-gurija tul il-guri biex iwarrbu minn quddiem ghajnejhom kull pronunzjament li seta' sar li kien leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, eventwalita' li pero' f' dan il-kaz ma jidhirx li tkun applikabbli stante l-ghazla tal-akkuzat li din il-Qorti tkun komposta biss mill-Imhallef togat. Li hu cert, pero', hu li z-zewg Qrati ma ordnawx il-waqfien tal-process kriminali kontra l-akkuzat. Anzi l-Qorti Kostituzzjonali ordnat proprju l-kuntrarju w eskludiet il-

htiega li jitwaqqfu tali proceduri kontra l-akkuzat, meta qalet testwalment hekk:-

*"…la darba gie deciz illi ma giex lez id-dritt fondamentali tal-appellanti illi l-kaz taghhom jigi mismugh "minn qorti indipendenti w imparzjali* ***", mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu il-proceduri kriminali in kwistjoni inizjati kontra l-istess appellanti ."*** (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-parti tas-sentenza ukoll giet konfermata mill-Qorti Ewropea meta qalet:-

*"It is true that the applicants' request for a stay of the criminal proceedings had been rejected; however , the effectiveness of a remedy does not depend on the certainty of a favourable outcome."*

Dak li ma giex ordnat, anzi gie michud mill-Qorti Kostituzzjonali, kif konfermat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax taghmlu w tatieh, bhala rimedju ta' natura kostituzzjonali din il-Qorti, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tali kompetenza w setghat. Li tista' taghmel u trid bil-fors taghmel din il-Qorti hu li tara li l-kawza tigi trattata w deciza bl-akbar oggettivita' w imparzjalita' w b' mod li l-process jkun assolutament mhux influwenzat minn xi ingerenzi esterni, inkluzi dawk il-pronunzjamenti ta' xi membru ewlieni tal-ezekuttiv li kienu jammontaw ghall-lezjoni tad-drittijiet fondamentali ghall smiegh xieraq, skond il-Qorti Kostituzzjonali. Imma l-process irid jiehu l-*"iter*" tieghu shih.

Lanqas ma tidher fondata is-sottomissjoni tad-difiza li l-ordni biex il-proceduri jitkomplew kienet tapplika ghall-proceduri tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati biss w li issa li l-kawza ngabet quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ghandha s-setgha li, biex tosserva skrupolozament is-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali, twaqqaf il-proceduri. Il-Qorti Kostituzzjonali ma ghamlet ebda distinzjoni bejn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dawk issa quddiem din il-Qorti. Wara kollox kien possibbli li l-kawza setghet anki tigi determinata mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) sia pure bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minnflok bhala Qorti Istruttorja, kieku ma kienx ghal fatt li l-akkuzat ma tax il-kunsens tieghu biex jigi gudikat minn dik il-Qorti ghax irrizerva l-pozizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li, kif obbligata, u kif intqal fl-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat, ser tiehu konjizzjoni tas-sentenzi in kwistjoni, ma tarax li tista' b' xi mod tilqa' il-kontenzjoni tal-akkuzat li t-tehid ta' tali konjizzjoni jista' jfisser li hi ghandha twaqqaf il-proceduri kriminali kontra l-akkuzat li issa huma pendenti quddiem din il-Qorti, kif qed jippretendi li ghandu jiftiehem l-imsemmi paragrafu l-istess akkuzat. Konsegwentement jekk l-akkuzat qed jippretendi li l-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet tieghu ghandu jiftiehem f' eccezzjoni f' dan is-sens, tali eccezzjoni f' kull kaz qed tigi michuda.

Ikkonsidrat;

**IT-TIENI ECCEZZJONI.**

Illi dwar din l-eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita' tat-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, fit-trattazzjoni orali d-difiza tal-akkuzat issottomettiet li dan ir-reat kontemplat f' dan il-Kap hu dak ta' *"trading in influence",* introdott l-ewwel darba fil-ligi taghna bl-Att III tas-sena 2002. Dan mhux ir-reat ta' *"bribery"* imma reat gdid. Kien mehtieg li s-subinciz (2) tal-artikolu 121A jinqara b' rabta mas-subinciz (1) . Kien mehtieg li fis-suggett attiv tar-reat kontemplat fis-subinciz (2) ikun hemm ukoll il-kapacita li dik il-persuna taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna ohra. Li qed jigi allegat hu li l-offerta kienet biex l-Imhallfin individwalment jghinu u mhux biex jezercitaw l-influwenza taghhom fuq haddiehor. Il-qari tas-subinciz (3) aktar ikompli jsahhah li z-zewg subincizi (1) u (2) iridu jinqraw flimkien. F' dan il-kaz ghalhekk l-element kostituttiv tar-reat u cioe' dak tal-*"actus reus"* huwa nieqes mill-parti espozittiva tar-reat. Dak li hemm fl-att tal-akkuza huwa r-reat ta' *"bribery"* .

L-abbli Prosekutur , Dr. Tonna Lowell, pero' irrisponda li hu ma kienx jaqbel mas-sottomissjoni tad-difiza fuq appena esposta. L-*actus reus* kien jikkonsisti filli wiehed jircevi w jaccetta biex jezercita xi influwenza mhux xierqa. Il-ligi mkien ma kienet qed tghid li l-hati irid ikun ha rwol attiv. Ghalhekk ma kien hemm ebda rabta bejn is-subincizi (1) u (2) tal-artikolu 121A. Is-subinciz (3) li kien jikkwalifika kemm ir-reat taht is-subinciz (1) kif ukoll dak kontemplat fis-subinciz (2), jirrendi il-kwistjoni jekk setghax jezercita influwenza jew le, irrilevanti. Dan kien johrog aktar car mit-test Ingliz. Imkien ma tghid il-ligi li dak li jkun irid jiehu *"an active role".*

Imbaghad l-abbli Prosekutur ghamel riferenza ghall-dik is-silta mit-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza li tghid :-

*"Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu."*

Ghalhekk anki jekk, *dato ma non concesso,* li d-difiza kellha ragun fis-sottomissjoni taghha, l-fatti esposti ukoll ikopru r-reat in dizamina.

L-abbli Difensur, Dr. Giglio rribadixxa li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinterpreta t-tieni subinciz tal-art. 121A "in a vacuum". Ghalkemm ma kienx hemm gurisprudenza dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu gdid, li kienet qed tissottometti d-difiza kien johrog car mill-istess dicitura tal-ligi. Tenna li s-subinciz (3), jekk xejn, kien isahhah l-interpretazzjoni tad-difiza meta jipprovdi : *"sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."*

Inoltre, anki l-istess subinciz tieghu kien jiddisponi li r-reat irid ikun sar "*bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) "*

Ghalhekk l-elementi tar-reat kontemplat fl-art. 121A (2) imorru lill hinn mill-fatti kif esposti fl-Att ta' l-Akkuza.

Il-Prosekuzzjoni pero’ baqghet issostni li ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni.

Ikkonsidrat;

li minn ezami tal-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta’ persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D.

Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta’ min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, <u>bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C</u>. (sottolinear tal-Qorti).

Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita’ allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.

Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi fl-art. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C , ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu. F’ dan is-sens l-interpretazzjoni li qed taghti d-difiza hija korretta.

Ikkonsidrat;

**Illi din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq il-paragrafu (b) tal-proviso ghas-subartikolu (5) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixxi , fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att."* Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza** "Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue" **[Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et." **[6.12.2002] , konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici" **[5.1.2004] u konferemata fl-Appell fit-22 t' April, 2004 u ohrajn.)**

F' dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

**Illi gie ukoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t' akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati.**

**F'** "Rex. vs. Strickland" **[21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-**

***"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti***

***rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto di accusa, tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e delle prove."***

**Ikkonsidrat;**

Mill-ezami tat-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza jemergu s-segwenti siltiet li huma rilevanti ghal din l-eccezzjoni w cioe' :-

*"Id-decizjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kolleggjalment komposta, kif kienet il-Qortiu li ddecidiet l-appell ta' Mario Camilleri, kellha tkun skond il-fehma tal-maggoranza tal-membri taghha biex b' hekk decizjoni ta' kull wiehed mill-Imhallfin wahdu ma setghetx tkun sufficjenti minghajr il-kunsens ta' almenmu wiehed mill-Imhallfin l-ohra…."*

U

*"…L-akkuzat accetta l-offerta u l-weghda ta' vantagg mhux xieraq ta' Anthony Grech Sant bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ta' l-inqas wiehed mill-Imhallfin l-ohra li mieghu kienu jikkomponu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' Mario Camilleri. Dan ghaliex , kif inghid izjed 'l fuq, d-decizjoni tieghu wahdu kellha necessarjament tigi supplimentata bid-decizjoni ta' almenu wiehed mill-Imhallfin l-ohra, kif fil-fatt gara."*

U

"…L-akkuzat rega' accetta din l-offerta bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ta' l-inqas wiehed mill-Imhallfin l-ohra li mieghu kienu jikkomponu l-Qorti tal-Appell Kriminali….Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' iltaqa' mall-Prim' Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu." (SOTTOLINEAR TA' DIN IL-QORTI)

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-akkuzat jista' jissottometti li fil-parti espozittiva ma hemmx il-fatti kostituttivi tar-reat – anki kif interpretat korrettement minnu – meta ghal darba, tnejn, tlieta hu allegat li l-akkuzat kien accetta li jinfluwenza mill-inqas imhallef iehor li kien mieghu jikkomponi l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fehma ta' din il-Qorti *ma hemmx dubju li kif esposti, il-fatti fit-tieni kap - dejjem jekk jirrizultaw pruvati fl-istadju tas-smiegh tal-provi - jistghu jwasslu ghall-kundanna mitluba fl-istess Kap. Bla dubju ta' xejn jezisti bejn il-parti espositiva tat-tieni kap u l-parti akkuzatorja tieghu dak in-ness li trid il-ligi u li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null. (ara.* ***Rex. vs G.C.B. et altri"*** *- 8.3.05 Vol. XIX; iv. p18)"*

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-fattispecji partikolari tat-tieni kap, gew traccati, sia pure fil-qosor, izda b' mod car mill-Avukat Generali b' mod li ma jhallu ebda dubju ghall-liema reat l-akkuzat qed ikollhu jirrispondi w dawn il-fatti jistghu jinkwadraw ruhom fir-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja tal-istess kap u li hemm in-ness bejn il-fatti esposti w r-reat li l-Avukat Generali qed jakkuza lill-akkuzat bih. Ghalhekk il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istesura tat-tieni kap tal-att tal-akkuza, ma jaghtix lok ghall-eccezzjoni kontemplata fil-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 449 (5) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni preliminari qed tigi respinta.

Konsegwentement, din il-Qorti qed tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat billi f' l-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni li giet ceduta f' dan l-istadju b' rizerva kif fuq intqal. Tichad it-tieni eccezzjoni. Tiddikjara li kif gie impostat , l-ewwel paragrafu tan-nota tal-akkuzat fuq referita ma jistax jiftiehem bhala eccezzjoni preliminari w, inqas u inqas, bhala xi eccezzjoni akkampata fuq l-artikolu 449 (1) (f) u (4) tal-Kodici Kriminali, invokati mid-difiza w li tali eccezzjoni ma tistax tigi mibdula w estiza f' dan is-sens f'

dan l-istadju w li, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tistax taghti rimedju kostituzzjonali li l-Qorti Kostituzzjonali stess u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem espressament ma tawx, billi tordna li dan il-process jieqaf kif qed jippretendi l-akkuzat.

Ghalhekk qed tiddiferixxi l-kawza *“sine die”* sabiex tigi appuntata meta jmissha t-turn taghha, okkorrendo ukoll wara li jigi deciz kull appell li jista’ jigi ntavolat minn din id-decizjoni.

Sadanittant l-akkuzat jibqa’ jgawdi mill-liberta’ provizorja taht l-istess kondizzjonijiet li kienu japplikaw sal-lum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------